## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 30/2020: **JOHN BALDACCHINO (KI. 952849M) U DORIS BALDACCHINO (KI. 530949M) V. BAJADA NEW ENERGY LIMITED**

(IR-RIMEDJU TAĦT IL-KODIĊI ĊIVILI GĦAX-XERREJ LI JSOFRI DANNI MINĦABBA LI L-OĠĠETT IKKONSENJAT MA JKUNX TAL-KWALITA' PATTWITA HUWA DAK TAĦT L-ARTIKOLU 1390 U MHUX IR-RIMEDJU ĠENERALI APPLIKABBLI F'KAŻ TA' INADEMPJENZA KUNTRATTWALI – L-ELEMENTI TAR-RES JUDICATA – IL-ĠUDIKAT JOLQOT UKOLL EĊĊEZZJONIJIET U ARGUMENTI LI SETGĦU ĠEW SOLLEVATI FIL-ĠUDIZZJU PREĊEDENTI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Ottubru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' John Baldacchino u Doris Baldacchino (lkoll "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-20 ta' Frar 2020[1] li permezz tiegħu talbu lill-kumpanija Bajada New Energy Limited ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") sabiex tidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid l-għaliex m'għandhiex tkun ikkundannata li:

> **"tħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni sofferti mill-istess atturi konsegwenzjalment għall-bejgh u konsenja da parti tagħha lilhom ta' pannelli solari li ma kienux tal-kwalita pattwita hekk kif deċiż b'mod finali mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-8 ta' Marzu, 2019. Bl-ispejjeż kompriża dawk tal-ittra uffiċjali datata l-11 ta' Diċembru 2019 u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà konvenuta inġunta in subizzjoni. Għall-fini ta' kompletezza qed jiġi ddikjarat illi d-danni ma jeċċedux il-ħmistax-il elf ewro (€15,000)"**

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fit-22 ta' Ottubru 2020[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

---

[1] Fol 1
[2] Fol 10

> **"1. Illi t-talba tal-attur hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li l-attur ma rreklama l-ebda danni u dan kif ser jintwera fil-mori tal-kawza.**
>
> **2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."**

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ppreżentata għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Albert Zerafa fit-3 ta' April 2023[3],

wara li semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati rispettivi magħmulha bil-fomm fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023:

- għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Albert Zerafa
- għan-nom tal-intimata, mill-Avukat Robert Thake,

wara li rat li permezz tad-digriet tagħha tal-25 ta' Marzu 2024 u għar-raġunijiet fih imsemmija, il-Qorti ssollevat *ex officio* l-eċċezzjoni tar-*res judicata* billi fil-fehma tagħha ddikjarat li jista' jagħti l-każ illi l-kwistjoni tad-danni mitluba mir-rikorrenti diġà ġiet deċiża b'mod definittiv fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-8 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet: John Baldacchino et. v. Bajada New Energy Limited (App. 224/2016/1) u għalhekk ai termini tal-Art. 732A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti stiednet lill-partijiet sabiex iressqu provi u/jew jagħmlu sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni qabel ma l-Qorti tgħaddi għas-sentenza finali,

wara li rat li fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2024 il-kontendenti ddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu dwar din l-eċċezzjoni u li setgħu jgħaddu immedjatament għat-trattazzjoni,

wara li semgħet it-trattazzjoni tal-avukati rispettivi magħmulha bil-fomm fl-istess seduta, dwar l-eċċezzjoni mressqa *ex officio*:

- għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Albert Zerafa
- għan-nom tal-intimata, mill-Avukat Robert Thake,

wara li rat id-dokumenti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Sommarju

---

[3] Fol 110-119

1. Fl-2013 ir-rikorrenti xtraw għall-prezz ta' € 5,000 mingħand il-kumpanija intimata, sistema ta' pannelli fotovoltajiċi (*Solar Photovoltaics*) ossia' *10-module PV System*. Fit-18 ta' Marzu 2014 ingħataw *grant* mingħand il-*Malta Resources Authority* fis-sens illi ngħataw *lump sum* ta' 50% tal-ispejjeż ossia investiment kapitali u inoltre l-Awtorita' kompetenti ta' dak iż-żmien intrabtet illi għal sitt (6) snin tħallas lir-rikorrenti t-tariffa (magħrufha bħala *feed-in tariff*) ta' 22ċ/kWh għall-elettriku li jipproduċu b'dik is-sistema u li jgħaddu lill-Enemalta plc.[4]

2. Is-sistema ġiet installata f'Ġunju 2014 u ġiet konnessa mal-*grid* tal-elettriku fid-9 ta' Awwissu 2014.

3. Ġara illi wara sitt xhur r-rikorrent John Baldacchino meta beda jnaddafhom skopra xi *micro cracks* hekk imsejjħa *snail trails* fuq dawn il-pannelli u maż-żmien dawn bdew jiżdiedu mentri l-produzzjoni kienet baxxa.

4. Fis-17 ta' Ġunju 2016 ir-rikorrenti fetħu kawża fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar kontra l-intimata billi skond huma l-pannelli mixtrija ma kienux tal-kwalità pattwita u għalhekk talbu s-somma ta' € 5,000, ossia r-rifużjoni tas-somma mħallsa minnhom. It-Tribunal ħatar espert li kkonkluda illi dawn "il-*snail trails may affect the polycrystalline silicon modules performances: compared with reference PV, the maximum power production at standard conditions is reduced by 40%. The energy production measured over 30 days was about 25% lower than expected."* Permezz tas-sentenza tiegħu mogħtija fil-21 ta' Ġunju 2018[5], it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti, ordna lill-intimata tħallashom is-somma ta' € 5,000 u awtorizzat lill-intimata taqla' l-pannelli li ġew installati minnha fil-fond tar-rikorrenti a spejjeż tal-istess intimata. Is-sentenza ġiet appellata mill-intimata u fit-8 ta' Marzu 2019 il-Qorti tal-Appell ikkonfermata u qalet illi "*ladarba l-pannelli kienu qegħdin jiġġeneraw inqas enerġija minn dik imwiegħed b'16.6%, allura m'humiex tal-kwalita' pattwita...*"[6]

5. Fis-6 ta' Awwissu 2019 jew ftit qabel dik id-data ir-rikorrent Baldacchino informa lill-Awtorita' kompetenti (REWS) li s-sistema tal-pannelli kienet ser tiġi *decomissioned.*

6. Fl-20 ta' Frar 2020 ir-rikorrenti fetħu l-kawża odjerna kontra l-intimata *in linea ta' danni* sofferti minnhom b'konsegwenza għall-bejgħ u konsenja tal-istess pannelli,

[4] Fol 28
[5] Dok JV1 a fol 14-17
[6] Dok JV2 a fol 18-22

liema pannelli r-rikorrenti nfushom qalu fir-rikors promotur li diġà ġew iddikjarati fis-sentenzi msemmija li ma kienux tal-kwalità pattwita.

7. L-intimata eċċepiet fir-risposta illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għaliex skond hi ma ġew ikkawżati l-ebda danni lill-istess rikorrenti.

**Provi**

8. Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020 xehed r-rikorrent **John Baldacchino**[7]**:**

i. Dan spjega kif huwa xtara il-pannelli mingħand l-intimata li kienu jiswew ħamest elef euro u sussegwentement ġew installati mill-ħaddiema tagħha. Huwa qal li kienu għaddew xi sitt xhur meta darba fost l-oħrajn tela' biex inaddafhom u skopra li kien hemm bħal ħajt fuqhom li għal ewwel ħasibhom grif. Spjega kif ħalla ftit żmien jgħaddi minn fuqhom u innota li dawn żdiedu. Għalhekk huwa kellem lill-Inġinier Mark Bajada li qallu li dawn ma kienu xejn u li jissejjħu "*snail trails*". Però huwa ra li dawn bdew jiżdiedu u li l-produzzjoni kienet żero.

ii. Kompla jgħid li kienu l-ARMS li ġibdulu l-attenzjoni rigward il-produzzjoni u dan meta mar iħallas il-kont tad-dawl. Għalhekk huwa reġa kellem lill-intimata fejn dawn bagħtulu inġinier ħalli jispezzjona l-pannelli u dan irrimarka li kienu fi stat mhux tajjeb. Stante li l-intimata ma riditx tbiddel dawn il-pannelli, huwa kellu jibda proċeduri ġudizzjarji. Meta mistoqsi min kien l-inġinier huwa ftakar li dan ukoll kien jismu Mark, kunjomu mhux magħruf u li però m'għadux jaħdem mal-intimata. L-inġinier kien qallu li dak li għandu fuq il-pannelli jgħidulhom *snail trails* u li ma jaffettwawx il-kwalita'.

iii. Spjega kif prova jasal f'kompromess iżda kellu jiftaħ kawża quddiem it-Tribunal Għal-Talbiet Żgħar[8] fejn huwa talab li jiġi rifuż is-somma ta' ħamest elef Ewro rappreżentanti l-valur imħallas fuq dawn il-pannelli, liema talba intlaqgħet mit-Tribunal.[9] Sussegwentement l-intimata intavolat appell minn din il-kawża li però ġie miċħud.[10]

iv. Mistoqsi jgħid x'kontijiet tad-dawl kien qed jirċievi wara li ġew installati dawn il-pannelli huwa rrisponda billi qal li irċieva kontijiet li varjaw bejn tlett mitt Ewro

---

[7] Fol 23-25
[8] John Baldacchino et vs. Bajada New Energy Limited (224/2016AM) sentenza mogħtija fil-21 ta' Gunju 2018
[9] Dok JV1 – a fol. 14
[10] John Baldacchino et vs. Bajada New Energy Limited (224/2016/1 AE) Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija fit-8 ta' Marzu 2019 – Dok JV2 – a fol. 18

u ħames mitt Ewro li jkopru xahrejn. Huwa spjega kif tkellem ukoll mal-Awtorita' tar-Riżorsi u dawn ukoll kienu ikkonfermawlu li l-pannelli ma kienux qed jipproduċu. Dawn infurmawh ukoll illi kieku huwa kellu jixtri pannelli ġodda huwa ried iħallas kollox minn butu għaliex kien tilef il-possibilita li jieħu *grant* tal-Gvern stante li huwa kien diġa użah, fuq pannelli li imbagħad rriżulta li kienu difettużi.

9. Fit-8 ta' Jannar 2021 ir-rikorrenti ppreżentaw żewġ inġunzjonijiet ta' xhieda senjatament sabiex jixhdu rappreżentant tal-ARMS u ċertu Owen Ellul mill-Uffiċċju tar-Regolatur tas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma. Mat-taħrika ġew annessi żewġ dokumenti ossia *transaction history* mgħoddija mingħand ARMS Limited[11], ittra datata is-6 ta' Awissu 2019 mibgħuta minn Owen Ellul fejn ir-rikorrent John Baldacchino ingħata informazzjoni rigward il-*Feed-in Tariff* (FIT) kif ukoll r-rati relattivi għall-pannelli tiegħu[12], kif ukoll ittra fejn l-istess Owen Ellul avża li s-sistema tar-rikorrenti kienet ser tiġi *decommissioned* ossia titneħħa.[13]

10. Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021 xehed in eżami **Owen Ellul** hekk kif prodott mir-rikorrenti[14]:

    i. Meta saritlu referenza għall-ittra tas-6 ta' Awissu 2019 huwa kkonferma li huwa kien l-awtur tagħha. Huwa spjega kif ir-rikorrent John Baldacchino kien talab lill-Uffiċċju tar-Regolatur tas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma sabiex jipprovdulu informazzjoni dwar kemm għandha tiġġenera dawl sistema ta' pannelli solari bħal tiegħu. Huwa spjega kif r-rikorrent kien applika mar-Regolatur sabiex ikun jista' jingħata *grant* u kien għalhekk li huwa kellu informazzjoni għar-rigward ix-xiri u l-installazzjoni tal-pannelli.

    ii. Ix-xhud spjega kif il-*grant* kienet ingħatat lir-rikorrent u li din kienet abbinata ma' tariffa għal kull *unit* li s-sistema setgħet tiggenera lil Enemalta, b'dana illi ghal kull *unit* li s-sistema tiegħu tipproduċi r-rikorrent kellu jitħallas tagħha b'rata ta' tnejn u għoxrin ċenteżmu għal kull kwh fuq medda ta' sitt snin.

    iii. Kompla jgħid li r-rikorrent kien talab dan l-istess Uffiċċju jagħmlu *decommissioning* għaliex ma kienx ser juża s-sistema aktar u għalhekk l-ARMS kellhom jaqilgħu l-arloġġ li kien abbinat ma' din is-sistema.

[11] Dok A a fol. 27
[12] Dok B a fol 28
[13] Dok C a fol. 29
[14] Fol 31D

iv. Mistoqsi jekk ir-rikorrent setgħax jerġa' jitlob il-*grant* għal sistema oħra ta' pannelli huwa spjega kif il-kundizzjonijiet tal-iskema huma li l-*grant* tingħata darba biss lil *household* wieħed, u dan sakemm ma jkunx hemm *decommissioning* u l-*grant* jigi rifuż lura, jew sakemm ma jkunx sar xi trasferiment tal-pannelli jew tal-propjeta' lil terzi.

11. Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021 xehed ukoll in eżami **<u>Reuben Bonnici</u>** prodott mir-rikorrenti[15]:

i. Ix-xhud ppreżenta l-kontijiet[16] tad-dawl u l-ilma li jgħajjtu lir-rikorrenti u li jmorru lura sas-sena 2000[17] Huwa ppreżenta ukoll *statement*[18] kif ukoll estratt tal-*istatement*[19] u applikazzjoni mibgħuta lil ARMS sabiex ikunu jistgħu jitwaħħlu l-pannelli.[20] Mistoqsi x'kienu qed jiġġeneraw bħala dawl dawn il-pannelli solari mill-2014 sakemm sar id-*decommissioning* spjega kif id-dawl li kien jiġġeneraw kien jidher fil-kontijiet pero' imbagħad dawn ma bdew jiġġeneraw xejn.

ii. Ir-*readings* tal-elettriku huma indikati bħala zero u baqgħu imwaħħlin sa Awissu 2019. B'mod aktar speċifiku x-xhud issenjala invoice bin-numru 28940065 fejn il-pannelli ma baqgħu jiġġeneraw xejn[21] u invoice numru 24546286 datata l-4 ta' Settembru 2017 fejn ġie iġġenerat unit wieħed biss ta' elettriku.[22] Huwa kkonferma li qabel dan iż-żmien il-pannelli kienu qed jiġġeneraw l-elettriku.

12. Fil-21 ta' Frar 2022 reġa' xehed ir-rikorrent **<u>John Baldacchino</u>** prodott in eżami[23] sabiex jispjega liema danni huwa sofra minħabba l-fatt li l-pannelli ma bdewx jiġġeneraw dawl. Huwa indika li sofra d-danni hekk kif indikati fil-kontijiet tad-dawl kif ukoll li tilef il-*grant*. Għar-rigward tal-*grant* huwa spjega kif kien ħa tlett elef Ewro fil-bidu u ma ħax il-bqija minħabba li ma kinux qed jiġġeneraw dawl u li meta tkellem mal-Inġinier huwa qallu li seta' jżomm li ħa pero' ma setax jieħu aktar. Huwa spjega kif hu u martu għamlu l-pannelli biex ma jkomplux jħallsu kontijiet tad-dawl u l-ilma

[15] Fol 31A – 31C
[16] Dok RB6 a fol. 45 et seq.
[17] Immarkati bħala Doc RB1 – Doc RB2
[18] Dok RB3 a fol. 36
[19] Dok RB4 a fol. 39
[20] Dok RB4 a fol. 40
[21] Fol. 61
[22] Fol. 73
[23] Fol 100A – 100C

mentri xorta baqa' jħallas l-istess wara li twaħħlu l-pannelli u dan minħabba li kienu difettużi.

13. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 xehed **John Baldacchino** in kontroeżami[24]. Mistoqsi kemm nefaq fl-akkwist tal-pannelli huwa kkonferma li l-ammont kien ħamest elef Ewro, liema ammont huwa ħallas *cash* lill-intimata. Huwa kkonferma ukoll illi dan l-ammont reġa' ħadu lura wara l-kawżi tal-Qorti, u ċioe skond hu wara tmien snin. Meta mistoqsi dwar l-imgħaxijiet fuq dan l-ammont huwa qal li dawn ma kienx ħadhom u li l-intimata kienet għadditlu *cheque* ta' EUR 5,000. In ri-eżami ix-xhud qal li hu qed jitlob l-ispejjeż tal-kontijiet għax laħqu għaddew ħames snin u nofs oħra kif ukoll sabiex jirkupra l-*grant*. Huwa qal li qed jitlob id-differenza tal-*grant* għaliex illum m'huwiex eliġibbli għalih.

**Provi mressqa mill-intimata**

14. L-intimata ma ressqet l-ebda provi in eżami, la dokumentarji u lanqas *viva voce*.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

15. It-talba tar-rikorrenti hija għall-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnhom **konsegwenzjalment** għal bejgħ u konsenja tal-pannelli mill-kumpanija intimata, li rriżultaw li ma kienux tal-kwalità pattwita. Għalkemm fil-kors tal-kawża r-rikorrenti esebew numru ta' kontijiet tad-dawl u tal-ilma kif ukoll xi provi dokumentarji, huma baqgħu ma ddikjarawx kemm huwa l-ammont li qed jippretendu bħala danni u kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet finali illi għamlu elenku dettaljat ta' dak li qed jitolbu.

16. Min-nota msemmija jirriżulta illi r-rikorrenti jridu risarċiment tad-danni segwenti:

    1. L-ammont ta' **€ 3,951.64** li skond huma kellhom jieħdu bejn il-11 ta' Awwissu 2016 u s-26 ta' Novembru 2020 u ċioe il-bilanċ tal-ammont kollu li kien ikun dovut lilhom mill-Enemalta plc għall-perjodu stipulat ta' sitt snin li kieku l-pannelli ħadmu kif suppost u ġġeneraw 4,000 kwh fis-sena (ħlas ta' € 0.22 għal kull *kwh*).

    2. L-ammont ta' **€ 2,640** li skond huma jirrappreżenta 50% tal-*grant* li kienu ikunu intitolati jieħdu għall-bqija tal-perjodu stipulat skond il-*feed-in tariff* bil-ħlas ta' € 0.22 għal kull *kwh.*

17. Anke mad-daqqa t'għajn jirriżulta mill-ewwel illi l-ammont pretiż ta' € 2,640 qatt ma jista' jkun dovut. Skond ir-rikorrenti setgħu biss jieħdu 50% (ossia' € 2,640) tal-*lump*

[24] Fol 108A-108E

*sum* fil-bidu u li n-nofs l-ieħor (i.e. € 2,640) kellu jitħallas lilhom għal kull *unit* li s-sistema kienet tipproduċi u titħallas tagħha matul il-perjodu stipulat ta' sitt snin. Għalhekk bir-raġunament tar-rikorrenti stess din is-somma hija diġà nkluża fis-somma l-oħra ta' € 3,951.64 li qed jippretendu bħala bilanċ tal-ammont kollu li kien ikun dovut lilhom mill-Enemalta plc għall-bqija tal-perjodu ta' sitt snin li kieku l-pannelli ħadmu kif suppost u ġġeneraw 4,000 kwh fis-sena (ħlas ta' € 0.22 għal kull *kwh* skond il-*feed-in tariff*).

Fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti jidher ma fehmux sew xi *grant* ħadu u x'kienu intitolati għalih taħt l-iskema applikabbli. Jirriżulta lill-Qorti mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti[25] u mill-ittra tal-*Malta Resources Authority*[26] illi l-iskema applikabbli tal-istess Awtorita' kienet dik viġenti dak iż-żmien u regolata skond il-*Feed-in Tariffs (Electricity Generated from Solar Photovoltaic Installations) Regulations* – illum misjuba fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.27, fejn il-konsumatur (i) jibbenefika minn għotja ta' mhux iżjed minn ħamsin fil-mija (50%) tal-investiment kapitali fil-forma ta' *lump sum grant*, u (ii) jipprevalixxi ruħu minn ħlas garantit għal perjodu ta' sitt (6) snin ta' € 0.22ċ għal kull *kwh* (*feed-in tariff* ) għall-elettriku ġenerat mis-sistema u pprovdut lill-Enemalta.

Fil-każ in eżami r-rikorrenti ħadu 50% tal-ispejjeż kapitali u kuntrarjament għal dak sottomess minnhom fin-nota t'osservazzjonijiet finali ma kienux intitolati għal xi 50% oħra fi stadju ulterjuri. Kienu però intitolati għall-ħlas ta' € 0.22ċ għal kull *kwh* ta' elettriku ġġenerat lill-Enemalta matul il-perjodu ta' sitt snin, xi ħaġa li ħuma qed jitolbu *in parte* permezz ta' somma pretiża ta' € 3,951.64.

A propożitu jingħad ukoll illi minkejja li fix-xhieda tiegħu r-rikorrent John Baldacchino stqarr illi huwa jippretendi li jiġi kkumpensat għall-fatt illi m'huwiex eliġibbli li jieħu *grant* oħra mill-Awtorita' kompetenti fejn saħansitra semma ċ-ċifra ta' € 3,000 bħala differenza bejn l-ewwel *grant* (i.e. dik li ħa) u t-tieni *grant* illi skond hu ma setax jieħu, ma tressqu l-ebda provi f'dan ir-rigward u lanqas ma kien hemm xi tentattiv mir-rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet finali tagħhom sabiex jikkwantifikaw dan il-kumpens.

18. Fir-rigward tas-somma mitluba ta' € 3,951.64 il-Qorti qabel xejn tara li huwa minnu li skond l-informazzjoni esebita in atti (partikularment id-dokument a fol 43 tal-proċess) is-sistema fotovoltajika tar-rikorrenti kienet mistennija li tiġġenera 4,000

[25] Fol 40-42
[26] Fol 43

*kwh* fis-sena, u filfatt mill-kontijiet esebiti minn Reuben Bonnici jirriżulta illi għall-ewwel sentejn (Awwissu 2014 – Awwissu 2016) il-pannelli attwalment iġġeneraw dan l-ammont. Għalhekk kien raġjonevolment mistenni, anke skond l-ittra tar-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma a fol 28 tal-proċess, illi matul il-perjodu ta' sitt (6) snin il-pannelli jiġġeneraw 24,000 *kwh* ta' elettriku fejn ir-rikorrenti kienu jibbenefikaw mill-ħlas ta' € 5,280 mill-Enemalta (i.e. € 0.22ċ għal kull *kwh*).

19. Jidher illi effettivament minflokk 24,000 *kwh* is-sistema ġġenerat biss 10,112 *kwh* fil-perjodu stipulat, ossia' 3,933 *kwh* bejn Awwissu 2014[27] u Awwissu 2015, 4,082 *kwh* bejn Awwissu 2015 u Awwissu 2016 u 2038 *kwh* bejn Awwissu 2016 u Awwissu 2017. Għalhekk ir-rikorrenti b'mod raġjonevoli jippretendu illi li kieku l-pannelli ħadmu kif suppost huma kienu jibbenefikaw mill-bqija tal-*feed-in tariff* li kienet tispetta lilhom għall-perjodu rimanenti.

20. Skond il-kalkoli dettaljati elenkati fin-nota finali tagħhom[28] ir-rikorrenti jippretendu li l-bilanċ tal-ammont li kienu jitħallsu matul il-perjodu stipulat kien dak ta' € 3,951.64. Il-Qorti tqis però illi dan l-ammont mhuwiex wieħed preċiż. Ibda biex il-perjodu tal-*feed-in tariff* kien jiskadi f'Awwissu 2020 mentri għal xi raġuni r-rikorrenti kkalkulaw ukoll *feed-in tariff* għal perjodu ta' sena oħra oltre Awwissu 2020. Il-kalkoli tal-Qorti huma ftit iżjed sempliċi billi jekk wieħed jislet il-10,112 *kwh* ġġenerati mis-sistema bejn Awwissu 2014 sa' Awwissu 2017, dawn iwasslu għall-ammont ta' € 2,224.64 (i.e. 10,112 X € 0.22) li ġew perċepiti mir-rikorrenti mill-Enemalta. Għalhekk l-bilanċ li kien jispetta lilhom għall-bqija tal-perjodu kien dak ta' € 5,280[29] - € 2,224.64 = **<u>€ 3,055.36</u>**.

21. Kif ser jintwera però din id-diskrepanza bejn l-ammont tad-danni mitluba mir-rikorrenti (total ta' € 6,591.64) u dak li skond il-Qorti kellu jekk xejn jintalab (€ 3,055.36), m'hijiex ser tkun rilevanti fil-kuntest tas-sentenza li ser tingħata llum.

22. Ir-rikorrenti qed jibbażaw it-talba tagħhom għar-risarċiment ta' dawn id-danni fuq il-premessa illi l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Marzu 2019 iddikjarat illi l-pannelli in kwistjoni ma kienux tal-kwalità pattwita.

23. Il-Qorti tqis però illi d-dritt għar-risarċiment ta' dawn id-danni ma twelidx malli t-tilwima bejn il-partijiet ġiet ġudikat fit-8 ta' Marzu 2019 iżda twieled sewwasew meta

[27] Il-Qorti hawn tinnota illi minkejja li l-*grant* ingħata fit-18 ta' Marzu 2014 jirriżulta mid-dokument a fol 85 illi l-elettriku beda jiġi ġġenerat lill-Enemalta b'effett mill-21 ta' Awwissu 2014.
[28] Ara fol 114-116
[29] Ara l-ittra tar-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma a fol 28 tal-proċess

fl-2013/4 il-kumpanija intimata naqset milli tikkonsenja lir-rikorrenti pannelli tal-kwalita' pattwita.

24. F'dan ir-rigward intqal hekk mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: **Denis Farrugia et. v. Joseph Dimech pro. et.noe** (App Ċiv Nru 111/2002/1 PS, 25/02/2004):

> "In effetti kif impostata l-azzjoni, in kwantu ghall-premessa tal-atturi illi l-materjal fornut ma kienx tal-kwalita` pattwita, indiskutibilment dan jaghmel l-azzjoni inerenti ghall-istitut tal-bejgh.
>
> Issa m'ghandux ikun dubitat illi in linea generali ta' dritt xerrej ghandu jistenna b'affidament illi l-prodott mixtri jew maghzul minnu jikkorrispondi f'kull rispett ghal dawk il-karatteristici idonei li jikkontribwixxu biex hekk jikkwalifikawh. Konsegwentement, anke jekk ma jissemmewx esplicitament fil-kuntratt ta' ftehim, hi kanoni legali ta' l-ermenewtika kontrattwali li tikkonsidra dawn l-istess karatteristici bhala kwalita` essenzjali tal-prodott.
>
> Jekk, imbaghad, din il-kwalita` essenzjali tkun giet lilu mweghda fil-mument tal-kontrattazzjoni hu mistenni li din l-istess kwalita` tkun tirrizulta b'mod effettiv fil-mument tal-kunsinna. F'kaz li l-prodott ikun jiddifetta ghal dik li hi kwalita` l-ligi tittutela l-interessi tax-xerrej billi takkordalu l-azzjoni dixxiplinata fl-artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Din hi l-azzjoni ghar-rizoluzzjoni tal-bejgh minhabba inadempjenza bazata fuq il-principju generali "*inademplenti non est ademplendum*" u fuq il-patt kommissorju tacitu tipiku ghall-kuntratti bilaterali kollha (Art 1068 Kodici Civili). Jaghmel sens ghalhekk il-kollokament taghha taht it-titolu "Fuq il-kunsinna" in kwantu din mhiex l-istess bhall-azzjoni in garanzija li l-venditur hu obbligat li jaghti skond l-Art 1378 u ghal liema hemm referenza fl-Art. 1408 tal-Kap 16. Ciononostante jista' jinghad li l-kwalita` mweghda hi garanzija f'sens tekniku u ghalkemm tiddifferenzja ruhha mill-garanzija legali ghall-vizzji li ma jidhrux hemm bejniethom ċerta unita` ta' dixxiplina in kwantu fit-tnejn hi ammessa l-azzjoni ghar-riduzzjoni tal-prezz.
>
> Dan premess, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza "**Diacono –vs- Galea**" (Vol XVIII pIII p59) fil-kaz ta' l-Artikolu 1390 "*si suppone in primo luogo che il venditore abbia esplicitamente premesso una qualita` e che il compratore abbia avuto specialmente in mira questa* qualita`". Fl-istess sens hi s-sentenza "**Emanuele Aquilina –vs- Negte. Giuseppe Mamo**", App. Kumm. 3 ta' Ottubru 1927 (Vol XXVI pI (ii) p 189)."

25. L-azzjoni spedita mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kienet għalhekk dik taħt l-Art. 1390 tal-Kap. 16 li jipprovdi kif ġej:

> **'1390. Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.'**

26. Fis-17 ta' Ġunju 2016 l-għażla tar-rikorrenti meta fetħu l-kawża fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar kontra l-intimata kienet dik illi jitolbu r-rifużjoni tas-somma sħiħa li ħallsuha biex jixtru l-pannelli mingħandha (€ 5,000). In effetti kif impostaw l-azzjoni, in kwantu għall-premessa tagħhom illi l-pannelli ma kienux tal-kwalita` pattwita u t-talba għar-rifużjoni tal-prezz sħiħ, huma kienu qed jitolbu x-xoljiment tal-bejgħ u l-ħlas lilhom tad-danni konsistenti fir-rifużjoni tal-prezz imħallas. It-Tribunal qabel magħhom, xolja l-bejgħ (tant illi awtorizza lill-intimata tibgħat il-ħaddiema sabiex jaqilgħu l-pannelli a spejjeż tagħha) u kkundanna lill-intimata tħallas lura s-somma ta' € 5,000. Kif ingħad, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza.

27. Il-Qorti għalhekk hija tenuta tindirizza żewġ kwistjonijiet importanti ossia (i) jekk ir-rikorrenti kellhomx/għandhomx id-dritt ta' risarċiment tad-danni oltre dak kontemplat fl-Art. 1390 tal-Kap. 16, u (ii) jekk darba talbu r-risarċiment tad-danni taħt il-kappa tal-Art. 1390 ifissirx dan illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Marzu 2019 issa ddeċidiet din il-vertenza darba għal dejjem b'dan li għalhekk ir-rikorrenti m'humiex intitolati għal danni oħra.

*L-azzjoni għad-danni meta l-kwalita' ma tkunx dik pattwita*

28. Hija ġurisprudenza assodata dik illi tirritjeni illi f'kuntratti ta' bejgħ ir-rimedji taħt il-Kodiċi Ċivili disponibbli għax-xerrej f'każ ta' inadempjenza mill-bejjiegħ huma dawk provduti mill-leġislatur taħt it-Titolu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb (ossia t-titolu intitolat "Fuq il-Bejgħ") u mhux ir-rimedji ġenerali li japplikaw għall-obbligazzjonijiet in ġenerali.

29. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Reuben Briffa et. v. Joseph Mallia et.</u>** (PA, Ċit 635/98 RCP, 28/02/2002) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili daħlet fil-fond fuq din il-materja u ċċitat ukoll numru ta' sentenzi oħra:

> "Illi pero` l-azzjoni ibbazata fuq l-artikolu 1390 tal-Kap 16, kif inghad fis-sentenza "**Emanuel Borg vs John Xuereb**" (App. Civ 25 ta' Jannar 1989) tirrikjedi li jekk il-venditur jikkonsenja haga mhux tal-kwalita` pattwita jew mhux bhal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kumpratur jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jirceviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli b'eghluq is-sentejn mill-bejgh.
>
> Illi il-kaz odjern pero` l-atturi ma ghazlux wahda mill-alternattivi offerti mill-ligi, pero` ghazlu li jitolbu biss danni, rimedju li mhux kontemplat fil-ligi hlief abbazi tal-artikolu 1390 meta l-atturi jirrifjutaw il-haga, u meta jaccettaw il-haga l-unika haga li jistghu jitolbu huwa biss tnaqqis fil-prezz abbazi ta' stima ta' periti.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi imposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-artikolu 1390 tal-Kap 16.

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet "**Nadia Cassar et vs Charles Pace noe**" (K. JDC. 13 ta' Marzu 1995), fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza "**Scicluna vs Scerri**" (K. 16 ta' Jannar 1958 – XLII.ii.855), fejn inghad illi: "*l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi.*"

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Anthony McKay vs Alfred Cassar**" (K. (JF) 10 ta' Dicembru 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-actio aestimatoria u/jew redhibitoria jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390, u dan gie kkonfermat fis-sentenza "**JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited**" (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001).

Illi fil-fatt fl-istess sentenza gew affermati is-segwenti principji u cjoe' li minn dak fuq premess jirrizulta li per analogia u applikati l-principji fuq esposti jirrizulta li:

*"(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permessibbli lix-xerrej,*

*(b) t-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-kaz citazzjoni) odjerna u abbazi tal-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab 'sine qua' non li:*

> *(i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti;*
>
> *(ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti tal-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata il-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi tal-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti."*

Illi minn ezami tac-citazzjoni odjerna jirrizulta li din l-azzjoni saret biss abbazi ta' danni ex contractu skond il-principji generali tal-kuntratti u ghalhekk ghal kollox differenti u estraneja ghall-ligi specjali u azzjonijiet ad hoc permessibbli taht il-kuncett guridiku ta' bejgh jew tpartit

skond kif gie ritenut ukoll fis-sentenza "**Portelli vs Grima**" (A.C. 27 ta' Novembru 1957 – XLI.i.341).

Illi fil-fatt jista' jinghad li skond l-artikolu 1390 l-azzjoni ta' danni tista' biss tirnexxi jekk ix-xerrej jaghzel li jirrifjuta l-haga, li ovvjament l-atturi ma ghamlux skond il-premessi minnhom esposti, u ghalhekk l-azzjoni taht l-artikolu 1390 ma tistax tirnexxi.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-artikolu 1427 relattiv ghall-actio redhibitoria u l-actio aestimatoria, id-danni japplikaw biss fil-kaz ta' malafede da parti tal-bejjiegh, u ghalhekk dan ifisser li sabiex jirnexxu t-talbiet ta' danni konsegwenti ghall-bejgh jew tpartit dan jippresumi l-ezistenza u l-esitu posittiv u favorevoli ta' wahda mill-azzjonijiet specjali fuq indikati li fic-citazzjoni attrici huma ghal kollox mankanti ("**Buttigieg vs Hirst**" (Vol XXXII.i.163)."

30. Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet: **<u>Ġorġ Bonello et. v. Joseph sive Ġużi Grech et.</u>** (Rik. 681/20/1 RGM, 28/10/2021) ingħad li:

"Fir-rikors ġuramentat l-atturi jippremettu li wara aktar minn seba' snin li huma kienu akkwistaw id-dgħajsa huma saru jafu li d-dgħajsa kienet afflitta minn difett moħbi. Kien biss taħt il-kappa 'Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri' li tissemma għall-ewwel darba l-kelma 'qerq'. Fit-12-il premessa, l-atturi jispjegaw li l-qerq huwa l-fatt li "l-intimati kienu jafu bl-imsemmi difett, iżda bl-aktar mod qarrieqi u doluż għażlu li jaħbuh mill-esponenti u dan filwaqt illi l-istess intimati offrew garanzija li d-dgħajsa hija mingħajr ebda difetti [...]". Il-qerq għalhekk huwa xejn għajr il-ħabi tad-difett.

Il-ġurisprudenza b'mod konsistenti irriteniet li "[...] *l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skont l-Artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16.*"
.........

Jista' jagħti lok li dan l-insenjament qiegħed joħloq ċertu ambigwità rigwardanti l-azzjonijiet li jistgħu jitressqu mix-xerrej. Din il-Qorti temmen li filwaqt li xerrej għandu r-rimedji taħt l-Artikolu 1390 u dak taħt l-Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, dawn m'humiex l-uniċi rimedji. Ix-xerrej m'huwiex marbut li jħoll il-kuntratt ta' kompravendita biss jekk il-kwalità hija inferjuri għal dik li miftiehma jew għaliex l-oġġett għandu difett moħbi, iżda jista' jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew fl-oġġett mibjugħ, jew minħabba ingann jew meta l-kawża tal-kuntratt tkun illeċita jew illegali.

Għalhekk a contrario ta' dak li jgħidu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti jkun ifisser li x-xerrej jista' jressaq biss azzjoni jekk l-oġġett mixtri jkollu difett jew l-oġġett ma jkunx tal-kwalità miftiehma, ma treġġix.

Dan magħdud, din il-Qorti hija però tal-fehma li meta l-azzjoni tkun ippernjata fuq l-eżistenza ta' difett latenti, irrispettivament jekk kienx hemm qerq jew frodi, l-azzjoni għandha dejjem titressaq taħt l-artikoli speċjali maħsuba għal dik il-fini u ċioe l-Artikoli 1424 et seq tal-Kodiċi Ċivili."

31. B'mod interessanti però fit-30 ta' Marzu 2022 il-Qorti tal-Appell (Superjuri) dawwret din is-sentenza u rriteniet is-segwenti:

"11. Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-atturi kellhom biss għad-disposizzjoni tagħhom l-azzjoni taħt il-garanzija għad-difett moħbi.

12. L-Artikolu 1440 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

*"Barra mir-raġunijiet ġa msemmijin f'dan it-Titolu, li għalihom jista' jiġi rexxiss jew maħlul kuntratt ta' bejgħ, u minn dawk li jgħoddu għall-kuntratti kollha, il-kuntratt ta' bejgħ jista',kollu jew biċċa minnu, jiġi maħlul bl-eżerċizzju tal-jedd ta' rkupru,u jista' jiġi rexxiss minħabba leżjoni".*

Minn din id-disposizzjoni hu ċar li r-raġunijiet ta' rexxissjoni li japplikaw għall-kuntratti kollha, japplikaw ukoll għall-kuntratt ta' bejgħ. Il-fatt biss li l-atturi ppremettew li wara l-bejgħ skoprew li d-dgħajsa fiha difett u li l-konvenuti taw garanzija li d-dgħajsa "*hija mingħajr difetti moħbija bħala osmosis, daqqiet jew difetti oħra kemm fil-magna jew f'xi parti oħra tas-sailing boat*", ma jfissirx li l-uniku kawża li setgħu jipproponu kienet l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja. Dawk huma biss fatti li l-atturi kellhom bilfors isemmu fir-rakkont ta' dak li ġara biex jispjegaw dak li wassalhom biex jiftħu l-kawża."

32. Din il-Qorti tqis illi fil-każ *de quo* fejn il-kredituri jridu kumpens għal-danni sofferti u ripetutament qed jagħmlu aċċenn għal fatt illi dawn saru minħabba n-nuqqas ta' kwalità pattwita tal-oġġett mibjugħ lilhom, l-unika rimedju disponibbli għalihom huwa r-rimedju ta' taħt l-Art. 1390 tal-Kap. 16, u mhux ir-rimedju ġenerali disponibbli għall-kreditur f'każ ta' inadempjenza kuntrattwali tad-debitur. Iżda anke jekk jiġi applikat l-iktar insenjament riċenti tal-Qorti tal-Appell u jitqies illi fis-17 ta' Ġunju 2016 (id-data meta infetħet l-ewwel kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar) ir-rikorrenti setgħu fetħu kawża għad-danni ad eżempju taħt l-Art. 1135-7 tal-Kap 16, tqum immedjatament kwistjoni oħra u ċioe jekk ir-rikorrenti humiex issa intitolati li jitolbu danni oħra (msemmija "danni konsegwenzjali" fir-rikors promotur de quo) oltre dawk id-danni li diġà ġew likwidati lilhom permezz tas-sentenza li għaddiet in ġudikat jew inkella jekk tilfux dan iċ-ċans darba għal dejjem darba huma setgħu jitolbuhom fil-kawża l-oħra.

*Jistgħu r-rikorrenti jitolbu danni oħra wara s-sentenza li għaddiet in gudikat*

33. Kif ġa ngħad iktar 'l fuq, permezz tad-digriet tagħha tal-25 ta' Marzu 2024 il-Qorti kienet issollevat *ex officio* l-eċċezzjoni tar-*res judicata* billi fil-fehma tagħha jista'

jagħti l-każ illi l-kwistjoni tad-danni mitluba mir-rikorrenti diġà ġiet deċiża b'mod definittiv fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-8 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet: John Baldacchino et. v. Bajada New Energy Limited (App. 224/2016/1) u għalhekk ai termini tal-Art. 732A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti stiednet lill-partijiet sabiex iressqu provi u/jew jagħmlu sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni qabel ma l-Qorti tgħaddi għas-sentenza finali. Sussegwentement, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2024, il-kontendenti ddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu dwar din l-eċċezzjoni u għaddew sabiex jitrattawha.

34. Kif ingħad ukoll fid-digriet imsemmi, il-Qorti qieset illi għalkemm skond numri ta' sentenzi fil-ġurisprudenza din l-eċċezzjoni ma tistax titressaq *ex officio* billi mhijiex ta' ordni pubbliku u skond sentenzi oħra din l-eċċezzjoni tista' hekk titressaq, madanakollu jidher stabbilit illi l-eċċezzjoni għandha titqajjem mill-Qorti li tkun obbligata li tinvesti l-kwistjoni *una volta* jinġieb għall-attenzjoni tagħha, anke jekk biss indirettament u mhux b'mod formali, l-eżistenza ta' sentenza oħra u preċedenti bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawżali. Issa f'din il-kawża, kif intwera, kienu r-rikorrenti nfushom illi għamlu aċċenn għal tali sentenza, mhux biss fir-rikors promotur tagħhom iżda anke fil-provi mressqa minnhom.

35. Fuq din il-materja, fis-sentenza fl-ismijiet **Edmea Pace v. Edward Pavia** (PA, Ċit. Nru. 1915/1999/1, Imħallef Tonio Mallia, 03/07/2003) ingħad is-segwenti:

> "L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha (a) l-interess pubbliku, u (b) hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti b'sentenza, (c) li tbieghed il-possibilita' ta' decizzjonijiet li jmorru kontra xulxin, u (d) li taghlaq il-bieb li kwestjonijiet definiti jibqghu jinfethu bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti b'sentenza li tkun diga' nghatat dwar dik il-vertenza (Galea vs Falzon et, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2002). Illi minhabba l-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jsib kontra dik l-eccezzjoni (Camilleri vs Mallia, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998). Sentenza li tkun konfermata jew li minnha ma jigix intavolat appell issir, pero', irrevokabbli (Cassar Parnis vs Soler, deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Marzu, 1949). In principju jinghad illi, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-istess meritu (Camilleri vs Mallia, imsemmija aktar qabel). Issir ukoll referenza ghal kawza "Cassar vs Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-10 ta' Dicembru, 1956, li fiha dik l-Onorabbli Qorti wara li elenkat it-tliet elementi mehtiega ghal gudikat, u cioe', l-elementi tal-istess persuni, l-istess oggett, u l-istess kawza, kompliet tosserva illi "*hu maghruf li, ghalkemm ma jistax jigi eccepit il-gudikat fid-difett tar-rekwizit tal-identita' tad-domandi, il-gudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, ghalkemm mhux identika ghal dik definita bil-gudikat, tkun fondata fuq l-istess `ratio petendi'; u hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-*

*meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u ghalkemm, biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita' tal-oggett, din l-identita' ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni*."

36. Dwar l-ewwel element tar-*res judicata*, ossia l-***<u>eadem persona</u>***, dan huwa sodisfatt peress illi l-kontendenti fil-kawża odjerna huma l-istess partijiet li kienu pparteċipaw fil-proċess ġudizzjarju li ġie kondott fil-kawża l-oħra. Hekk ukoll, it-tieni element, ossia' l-***<u>eadem re</u>***, huwa identiku bejn iż-żewġ kawżi kuntrarjament għal dak li ssottometta l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni tiegħu fuq din l-eċċezzjoni, billi l-oġġett komuni huwa s-sistema tal-pannelli fotovoltajiċi li rriżultat li ma kienetx tal-kwalita' pattwita.

37. Dwar it-tielet element, ċioe l-***<u>eadem causa petendi</u>***, ir-rikorrenti tramite l-avukat difensur tagħhom jargumentaw illi dan ukoll huwa nieqes billi l-kawża l-oħra nfetħet biex jieħdu lura l-prezz tal-pannelli mentri l-kawża odjerna nfetħet sabiex jingħataw kumpens għad-danni konsegwenzjali li sofrew. Fuq dan il-punt ftit hemm wisq x'iżid għajr illi jiġi ritenut dak illi diġa ngħad mill-Qorti iktar 'l fuq u ċioe illi:

(i) id-dritt għar-risarċiment ta' dawn id-danni ma twelidx malli t-tilwima bejn il-partijiet ġiet ġudikat fit-8 ta' Marzu 2019 iżda twieled sewwasew meta fl-2013/4 il-kumpanija intimata naqset milli tikkonsenja lir-rikorrenti pannelli tal-kwalita' pattwita;

(ii) it-talba tar-rikorrenti fl-ewwel kawża miftuħa minnhom – dik għar-rifużjoni tal-prezz – kienet taqa' espressament taħt l-Art. 1390 tal-Kap. 16 tant hu hekk illi l-Qorti hemmhekk wara li laqgħet it-talba għad-danni (konsistenti fir-ritorn lura tal-prezz) awtorizzat li l-pannelli jinqalgħu u jingħataw lura lill-intimata a spejjeż tagħha;

(iii) l-unika azzjoni taħt il-Kodiċi Ċivili miftuħa għar-rikorrenti in konnessjoni mal-konsenja ta' oġġett li ma kienx tal-kwalita' pattwita, kienet dik taħt l-Art. 1390 tal-Kap. 16.

38. Il-kwistjoni tad-danni hekk imsejjħa konsegwenzjali li sofrew ir-rikorrenti b'kawża tan-nuqqas tal-intimata li tikkonsenja pannelli skond il-kwalita' pattwita, kienet kwistjoni li setgħet jew kellha titqanqal quddiem il-forum kompetenti fl-ewwel kawża. Fuq din il-materja, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-istess sentenza fuq ċitata **<u>Edmea Pace v. Edward Pavia</u>** tkompli tgħid is-segwenti:

"Ghar-rigward tat-tielet element, dak ta' l-istess kawza, hawnhekk jidher li l-bazi li fuqha l-attrici qed tittenta din ilkawza, ma kienitx invokata f'kawza precedenti. Minn naha l-ohra, pero', huwa principju generali li l-gudikat jolqot ukoll eccezzjonijiet u argumenti li setghu gew sollevati f'gudizzju precedenti. Jekk parti, f'kawza precedenti titlob l-inforzar ta' kuntratt u tinghata sentenza a bazi ta' dak ilkuntratt, il-validita' ta' dak il-kuntratt ma tistax tigi diskussa f'gudizzju iehor (Kollez. Vol. XXIX.II.31; XXXII.II.243; XLI.I.694). Darba kuntratt jigi invokat f'kawza u impoggi bhala l-bazi ta' dik l-azzjoni, kwalunkwe difisa li jista' jkollha effett li tinewtralizza jew twaqqa' dak ilkuntratt, (bhal, per ezempju, li l-parti l-ohra mhux proprjetarja u ma tistax tittrasferixxi titolu tajjeb), kellha tigi sollevata f'dak il-gudizzju, u darba li l-Qorti taghti effett lil dak il-kuntratt u tordna l-ezekuzzjoni tieghu, ma jistax, f'gudizzju iehor, jingiebu argumenti jew jitressqu provi bilhsieb li jigi distrutt dak il-gudikat (Vol. XXXVIII.I.51). Darba, allura, li l-iskop ta' din il-kawza timmira li ggib dikjarazzjoni li l-effett taghha hu li twaqqa' l-gudikat tassentenza tat-3 ta' Dicembru, 1993, jikonkorri, b'daqshekk, it-tielet element mehtieg. Jista' jkun li l-attrici targumenta li hi saret taf b'certi cirkustanzi u fatti wara s-sentenzi ta' din il-Qorti. Dan, pero', fic-cirkustanzi kongruwi, jista' jaghti lok ghar-retrattazzjoni tal-kawza, izda jekk dan ir-rimedju straordinarju ma giex involat, il-gudikat jibqa' jorbot."

39. Hekk ukoll l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **Gordon Anthony Grixti v. L-Awtorita' tad-Djar** (Rik. Maħ. Nru. 667/2021, Imħallef Christian Falzon Scerri, 23/09/2022) irriteniet illi:

"... tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll illi fil-ġurisprudenza tagħna nsibu mtenni li l-ġudikat jifforma ruħu mhux biss dwar dak li ġie diskuss espressament fis-sentenza, imma anki ta' dak li messu ġie diskuss mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eċċezzjonijiet tagħha (ara *inter alia* ***Carmelo Bonello v. Onor. Edgar Cuschieri nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Marzu, 1950, Carmelo Panzavecchia v. Constantino Caruana deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Ġunju, 1956, J***oseph Camilleri v. Lilian Mallia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil- 5 ta' Ottubru, 1998, A***drian Busietta nomine v. Mario Attard nomine***, Qorti tal-Appell, 9 ta' Frar, 2001 u ***John Camilleri v. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2013);

28. Tassew hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-mertu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess. Hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja ta' dispożizzjoni espressa billi l-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderazzjonijiet tas-sentenza (ara ***Nobbli Pasquale Waldemar dei Baroni Sciberras Trigona v. Oscar Sammut nomine***, Appell Ċivili tal-25 ta' April, 1938 u ***Eugenio Borg nomine v. Saverio Farrugia***, Appell Ċivili tal-31 ta' Mejju, 1952) "

40. Il-Qorti tqis li meta fis-17 ta' Ġunju 2016 r-rikorrenti fetħu kawża kontra l-intimata huma kellhom kull dritt illi, qabel xejn jiftħu l-kawża quddiem il-Qorti kompetenti u di piu li jitolbu (oltre r-rexissjoni tal-bejgħ) bħala danni mhux biss ir-rifużjoni tal-prezz iżda ukoll id-danni konsegwenzjali li setgħu sofrew fosthom it-telf tal-qliegħ li kienu jagħmlu li kieku l-pannelli kienu tal-kwalità pattwita. Għal xi raġuni li jafuha huma biss ir-rikorrenti però fetħu l-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar u llimitaw id-danni biss għar-rifużjoni tal-prezz ta' € 5,000 imħallas minnhom.

41. Issa huwa veru illi r-rikorrenti jistgħu jargumentaw illi parti mid-danni li qed jirreklamaw fil-kawża odjerna seħħew **wara** li fetħu l-kawża l-oħra quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Madanakollu l-Qorti tħoss illi rrispettivament minn dan kollu, l-kwistjoni tad-danni li jirriżultaw min-nuqqas ta' kwalità pattwita tal-pannelli hija kwistjoni illi *ex-admissis* ir-rikorrenti kienet taf biha minn sew qabel ma fetħu l-ewwel kawża. Tant hu hekk illi fix-xhieda tiegħu tat-30 ta' Novembru 2020 r-rikorrent Baldacchino stqarr illi wara sitt xhur mill-installazzjoni tagħhom huwa kien sab qisu grif fuq il-pannelli u li wara li kellem lill-Inġinier Mark Bajada (li qallu li ma kienu xejn) *"dawn żdiedu u produzzjoni kienet zero (0)"*[30]. Hekk ukoll l-istess xhud qal illi kienu tal-ARMS stess li qalulu li l-pannelli ma kienu qed jipproduċu xejn. F'dan l-istadju l-intimata bagħtitlu inġinier u kien sussegwentement illi nfetħet l-ewwel kawża kontra l-intimata.

42. Hija l-fehma tal-Qorti għalhekk illi l-kwistjoni tad-danni **kollha** riżultanti mill-fatt illi l-pannelli ma kienux tal-kwalita' pattwita, kellha tiġi riżolta fl-ewwel kawża miftuħa mir-rikorrenti u li marret in ġudikat. Jekk xejn, wara li jiftħuha fil-Qorti kompetenti (li ċertament ma kellux ikun it-Tribunal għal Talbiet Żgħar) xejn ma kien iżommhom illi fil-mori tal-kawża jitolbu żieda fid-danni mitluba minnhom inkluż abbażi tal-Art. 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[31]. Filfatt mill-kalkoli tagħhom stess elenkati fin-nota finali tagħhom joħroġ ċar illi bil-kontijiet li kienu qed jirċievu (ossia kemm dak tal-4 ta' Settembru 2017 u kif ukoll dak tal-4 ta' April 2018) r-rikorrenti kienu ben konsapevoli, anke fl-istadju fejn il-kawża quddiem it-Tribunal kienet għadha miftuħa, illi s-sistema kienet waqfet tiġġenera l-elettriku. Għalhekk li kieku fetħu l-kawża quddiem il-Qorti appożita r-rikorrenti kienu ikunu intitolati anke f'dak l-istadju illi *inter alia* jitolbu korrezzjoni tar-rikors promotur tagħhom sabiex jitolbu

[30] Fol 23
[31] Ara pereżempju s-sentenzi **Anthony Micallef et. v. Oliver Cachia** (Appell Civili Numru. 474/1999/1, Imħallef Philip Sciberras, 17/11/2004) u d-digriet **Raymond Zammit v. Joseph Tonna** (fl-atti tal-Avviż Nru: 296/2023, Maġistrat Joseph Gatt, 06/03/2024) fejn il-Qorti għamlet ukoll riferenza għal ġuriprudenza fejn l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie mħaddan propju fuq l-istess raġuni (ammont ulterjuri minn dak oriġinarjament mitlub).

r-riżarċiment ta' dawn id-danni, b'riserva jekk hemm bżonn għad-danni ulterjuri li kienu previsti li jinkorru għall-bqija tal-perjodu tal-*feed-in tariff* sakemm is-sistema tiġi *decommissioned.*

43. Altrimenti l-kwistjoni bejn il-kontendenti ma tispiċċa qatt u dan imur direttament kontra l-prinċipju tal-interess pubbliku u tal-ħtieġa taċ-ċertezza legali li huma s-sisien tal-istitut tar-*res judicata.*

**Deċizjoni**

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi riferibilment għall-eċċezzjoni tar-*res judicata* imressqa minnha *ex-officio* issib illi t-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli fis-sistema ġuridika tagħna kif fuq indikat u għalhekk tiċħadhom. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |